# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-16 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 1227/2012 SM**

**C. Fino & Sons Limited**
**(C-2468)**

**vs.**

**1. Kurrier Holdings Limited**
**2. Carmelo *sive* Karl u Grace konjugi Bonello**

**u**

**Skont nota datata id-19 ta' Settembru, 2013, gew nominati Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Madeline Firman biex jirrapprezentaw lis-socjeta` Kurrier Holdings Limited *stante* li sprovista minn diretturi**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-10 ta' Dicembru, 2012, li permezz tieghu r-rapprezentant tal-istess socjeta` rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***C. Fino & Sons Limited vs. Kurrier Holdings Limited, Carmelo sive Karl u Grace konjugi Bonello,*** datata s-***16 ta' Gunju, 2000, Citazzjoni Numru 1966/1999***, is-socjeta` rikorrenti giet kanonizzata kreditur tal-intimati flimkien bejniethom fis-somma komplessiva ta' €18,697.50 kif espost fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1, 3, 7 u 8);

1.2. Illi l-intimati ghadhom ma hallsu xejn mill-istess ammont fuq indikat;

1.3. Illi ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin mis-sentenza fuq indikata;

1.4. Illi *ai fini tal*-artiklu 258(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jinhtieg li l-istess sentenza tigi reza ezegwibbli mill-gdid;

1.5. Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tordna l-esekuzzjoni mill-gdid tal-imsemmija sentenza deciza minn din il-qorti fis-16 ta' Gunju, 2000, Citazzjoni Numru 1966/1999, ghall-ammont ta' €18,697.50, bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament;

1.5.2. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghad-data hemm indikata, (ara foll 9);

3.0. Rat ir-risposta tal-intimat Carmelo *sive* Karl Bonello datata s-7 ta' Jannar, 2013, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

3.1. Illi preliminarjament il-qorti m'ghandiex tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza in dizamina ghas-segwenti ragunijiet:

3.1.1. Inkompetenza *rationae materiae*: billi is-sorte kanonizzata bis-sentenza li qed tintalab l-ezekuzzjoni taghha hi ta' €8,956.44, u allura taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati;

3.1.2. Il-Preskrizzjoni t'aktar minn hames (5) snin: billi japplika l-artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3.1.3. L-improponibilita` tat-talba: billi s-socjeta` rikorrenti qed titlob ezekuzzjoni ta' sentenza f'ammont ferm ghola minn dak kanonizzat;

3.2. Illi fil-mertu jinghad sintetikament is-segwenti:

3.2.1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati *stante* li sussegwentement ghas-sentenza in dizamina l-intimat kien lahaq ftiehem ma Wallace Fino ghall-istess socjeta` li din terga tiehu lura l-ghamara mibjugha, u dan ghas-saldu tal-bilanc minnha reklamat;

3.2.2. Illi kienet l-istess socjeta` li naqset milli tonora l-istess ftehim;

3.2.3. Illi s-socjeta` rikorrenti gia` kellha zewg (2) opportunitajiet biex tithallas b'kontanti meta gie ezegwit mandat ta' qbid fil-konfront tal-intimata Grace Bonello u tal-proprjeta` 55, *Old Battery Street*, Valletta, izda irrifjutat;

3.2.4. Illi dan ir-rifjut irreka hsara lill-intimat Bonello u ta' dan ghandha taghmel tajjeb is-socjeta` rikorrenti;

3.2.5. Illi l-imghaxijiet mitluba huma ezorbitanti u huma daqs, jew jeccedu l-kapital;

3.2.6. Illi s-socjeta` rikorrenti kien missha immitgat id-danni – mhux izzidhom;

3.3. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3.4. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti;

4.0. Rat ir-risposta datata l-11 ta’ Gunju, 2013, li permezz taghha l-intimata Grace Bonello sintetikament esponiet is-segwenti:

4.1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jisgu respinti;

4.2. Illi meta iffirmat il-kambjali meritu tad-decizjoni datata is-16 ta’ Gunju, 2006, fuq indikata, l-intimata odjerna kienet mizzewga u f’hajja konjugali mal-intimat l-iehor;

4.3. Illi illum l-intimati qeghdin fi stadju avvanzat ta’ separazzjoni, (ara foll 35 sa 50);

4.4. Illi ghalhekk, is-sentenza indikata fil-paragrafu immedjatament qabel dak precedenti, (ara paragrafu numru erba’ punt tnejn, (4.2.), aktar qabel), m’ghandiex tigi ezegwita fil-konfront tal-intimata odjerna;

4.5. Illi ghalkemm ma jistghux jingiebu eccezzjonijiet fil-konfront ta’ talba *a tenur* l-artiklu 258 tal-Kap 12 tal-ligijiet fuq indikati, r-raguni hawn sottomessa mill-intimata odjerna mhix wahda fil-mertu jew li tattakka s-sentenza *de quo*, izda hi biss espressjoni ta’ bidla radikali fic-cirkostanzi personali tal-istess intimata;

4.6. Illi meta ffirmat il-kambjali l-intimata ghamlet hekk kwantu kienet mart l-intimat l-iehor li kien direttur u l-azzjonist maggoritarju tas-socjeta` intimata;

4.7. Illi l-intimati illum huma separati *de facto*, u ilhom hekk ghal aktar minn tnax- (12) il-sena;

4.8. Illi kienu l-intimati l-ohra li kienu involuti fid-debitu in dizamina;

4.9. Illi in effetti l-intimata la gawdiet u lanqas uzat il-mobbli in dizamina;

4.10. Illi *di piu`*, wara s-separazzjoni, l-ghamara inzammet mill-intimat Carmelo *sive* Karl Bonello biss;

4.11. Illi l-intimata ma tafx x'sar mill-istess ghamara;

4.12. Illi l-qorti odjerna ghandha tissindaka jekk kienx hemm bdil fic-cirkostanzi li jimmeritaw li ghalhekk, is-sentenza in dizamina ma tigix ezegwita fil-konfront tal-intimata;

4.13. Illi ghalhekk ghandha tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fil-konfront tal-intimata;

5. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu laqghet it-talba biex jigu nominati Kuraturi Deputati hemm riferiti, (ara foll 55 u foll 56);

6.0. Rat ir-risposta datata l-5 ta' Gunju, 2014, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti:

6.1. Illi mhumiex edotti mill-fatti;

6.2. Illi jirriservaw li jintroducu risposti ulterjuri aktar 'l quddiem;

6.3. Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha tipprezenta t-taxxa tad-drittijiet u spejjez tas-sentenza in dizamina;

6.4. Salv risposti ulterjuri;

7. Rat id-digriet taghha datat l-24 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu innominat Imhallef Supplenti hemm indikata ghall-finijiet hemm indikati, (ara foll 95);

8. Rat id-digriet taghha datat is-26 t'April, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita ghall-istess, awtorizzat lill-istess biex il-

partijiet jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 118);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-30 ta' Mejju, 2016, (ara foll 119), flimkien ma dik tal-intimata Grace Bonello, datata is-27 ta' Gunju, 2016, (ara foll 124);

10. Tirrileva li t-terminu moghti lill-intimati l-ohra ghadda inutilment;

11. Semghet ix-xhieda prodotta;

12. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluz id-dikjarazzjoni guramentata ipprezentata *in atti*;

13. Hadet konjizzjoni tal-verbal tal-abbli rapprezentanti legali indikati fl-udjenza tat-30 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu iddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet minnhom ipprezentati *in atti*;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi l-fatti esposti fil-kawza in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

14.1. Illi permezz ta' din il-procedura s-socjeta` rikorrenti qed titlob l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***C. Fino & Sons Limited vs. Kurrier Holdings Limited et*** datata s-***16 ta' Gunju, 2000***, Citazzjoni Numru 1996/1999, fejn l-intimati kienu gew ikkundannati biex flimkien ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' Lm3,845.00, (ara foll 5);

14.2. Illi l-intimat Grace Bonello jirrizulta *ex admissis* li kienet iffirmat il-kambjali in dizamina li permezz taghhom l-intimati l-ohra kienu xtraw l-ghamara in dizamina, (ara foll 77);

Ikkunsidrat:

15. Illi ghalhekk din il-procedura hi wahda bbazata fuq l-artiklu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn permezz tal-istess, parti tkun

tista' titlob l-esekuzzjoni ta' sentenza li tkun ilha li ghaddiet in gudikat fit-termini hemm stabbilit;

16. Illi tali procedura tirrikjedi li tkun intavolata bil-metodu hemm preskritt u wara li jkun ghadda t-terminu li fih setghet issir l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv in dizamina biex ghalhekk dan jerga jigi ravvivat;

17. Illi *stante* li l-perjodu indikat mid-data tas-sentenza *de quo* jirrizulta li ghadda abbundantement, is-socjeta` rikorrenti kellha ghalhekk tirrikorri lil din il-qorti biex tirrikorri in via ezekuttiva kontra l-intimati ghall-ammont indikat fis-sentenza tas-16 ta' Gunju, 2000, li kienet ghaddiet in gudikat;

18. Illi tenut kont tad-data tas-sentenza *de quo* indikata wkoll fil-paragrafu precedenti, u tenut kont li l-procedura odjerna giet intavolata fl-10 ta' Dicembru, 2012, jirrizulta li mid-data tal-istess sentenza in dizamina ghadda perjodu ta' aktar minn ghaxar (10) snin mid-data tal-istess sentenza, (ara foll 3);

Ikkunsidrat:

19. Illi l-intimati jelenkaw sensiela ta' risposti ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti biex jippruvaw jezimu ruhhom mill-obbligi naxxenti mis-sentenza li hawn qed tintalab l-esekuzzjoni taghha li huma riprodotti aktar qabel, (ara paragrafi numru tlieta punt zero, (3.0.), erba' punt zero, (4.0.), u sitta punt zero, (6.0.), aktar qabel);

20. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta p.l.c. vs. John Dalli u D & B Catering Company Limited*** datata it-***18 t'April, 2002***, li rriteniet is-segwenti:

> "...Il-qorti thoss li apparti l-fatt li l-unika konsiderazzjoni li ghandha taghti din il-qorti fi procedura bhal din, hija biss dwar l-ezekuzzjoni tas-sentenza u l-ezistenza tal-istess sentenza, u wkoll li tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza biss ghall-ammont kanonizzat li jkun ghadu ma thallasx";

Ikkunsidrat:

21.0. Illi in linea mal-insenjament kurjali indikat fil-paragrafu precedenti ghandu jkun pacifiku li allura l-uniku ezami mitlub mill-qorti odjerna f'din il-procedura hu biss li:

21.1. Trid tivverifika l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv involut; u

21.2. Trid tkun konfortata bil-gurament tar-rikorrenti li jkun intavola tali talba li dan jikkonferma d-debitu involut, jew parti minnhu, bil-gurament;

22. Illi ghalhekk jirrizulta li l-procedura odjerna hi procedura ta' natura sommarja verifikatrici, li ghandha biss l-ghan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-qorti kolpita bl-istess procedura biex din tirrendi ezegwibbli mill-gdid l-obbligazzjoni tal-hlas li kienet gia` precedentement dikjarata premezz ta' sentenza li kien ghaddielha t-terminu statutorjament preskritt ghall-esekuzzjoni taghha;

23. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta ampjament assodat, anke mix-xhieda tal-intimat Bonello, (ara foll 69), illi mid-data tas-sentenza in dizamina sal-lum, l-intimati m'effettwaw l-ebda pagament fuq l-ammont minnhom dovut skont l-istess sentenza;

Ikkunsidrat:

24. Illi *nonostante* li kif fuq stabbilit din hi procedura strettament ta' natura sommarja, ghal kull buon fini jinghad li anke jekk ghall-grazzja tal-argument din il-qorti kellha tezamina l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimat Bonello, jirrizulta li dan lanqas biss jissodisfa l-oneru tal-prova tal-allegazzjonijiet minnhu sollevati *stante* li palezement jonqos milli jressaq minimu ta' prova in sostenn tal-istess;

25. Illi ghalhekk, l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4) u l-hames (5) risposti tal-intimat, (ara foll 10 u 11), m'ghandhomx jigu akkolti ghaliex mhux ipprovati;

26. Illi fir-rigward tat-tielet (3) u tas-sitt (6) risposti tal-intimat, (ara foll 10 u 11), ghandu jkun pacifiku li l-imghax legali fir-rigward tas-

sorte in dizamina ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza in dizamina, senjatament is-16 ta' Gunju, 2000, (ara foll 3);

Ikkunsidrat:

27.0. Illi fir-rigward tal-intimat Grace Bonello jinghad sintetikament is-segwenti:

27.1. Illi din il-qorti tifhem il-predikament anakronistiku li sabet ruhha fih l-intimata fejn fi zmien sentejn (2) minn meta iffirmat formalment il-kambjali in dizamina inbdew proceduri ta' separazzjoni, (ara foll 76);

27.2. Illi *di piu`* l-istess ghamara kienet prettament intiza ghall-ufficju ta' zewgha u qatt ma kienet intiza ghall-uzu jew konsum taghha, (ara foll 76);

28. Illi pero` hawn si tratta ta' firem fuq kambjali u fuq sentenza li ghaddiet in gudikat anke fil-konfront taghha;

29. Illi ghalhekk ghalkemm moralment hu indigest li t-tezi tal-intimata tigi rifjutata, jibqa' l-fatt li din il-qorti hi prekluza milli tiehu konjizzjoni tal-lanjanzi minnha sollevati anke jekk tista' tikkondividihom;

30. Illi *nonostante* dan, il-kaz in dizamina jibqa' arginat fil-limiti tat-talba ghar-ravvivament ta' sentenza li gia` ghaddiet in gudikat u xejn aktar;

31. Illi *di piu`* l-obbligi naxxenti mill-iffirmar liberu tal-kambjali in dizamina ma jistghux ghalhekk jigu xolti;

32. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-effetti tal-istess ghadhom vinkolanti fil-konfront tal-intimata;

33. Illi konsegwentement, ir-risposti tal-intimat Bonello ma jistghux jigu akkolti;

**DECIDE:**

34.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi *ai fini* tal-artikolu 258 tal-Kap 12 fuq citat, u konsegwentement:

34.1. Filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati;

34.2. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, u konsegwentement:

34.2.1. Tordna l-esekuzzjoni mill-gdid tas-sentenza deciza minn din il-qorti diversament preseduta fl-ismijiet ***C. Fino & Sons Limited vs. Kurrier Holdings Limited, Carmelo sive Karl u Grace konjugi Bonello, Citazzjoni Numru 1966/1999*** datata is-***16 ta' Gunju, 2000***, fl-ammont hemm kanonizzat u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-istess sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

34.2.2. Illi in vista tas-suespost, (ara paragrafi 27 sa 29 aktar qabel), l-ispejjez ta' din il-procedura jigu sapportati mill-intimat Carmelo *sive* Karl Bonello biss.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**